MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Numru. 88/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Samer Mohamed**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kif migjuba kontra:

**Samer Mohamed** ta' 44 sena, bin Salah u Fatima, imwieled Damascus, Syria fit-8 t' Awwissu, 1969, residenti Open Centre, Hal-Far, detentur tal-police number 13-MH-040;

Akkuzat talli fil-31 ta' Dicembru, 2013 ghal habta ta' l-10:30 ta' filghodu gewwa Tower Road, Sliema:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom Ipad minn gol-hanut bl-isem ta' 'Mothercare' ghad-detiment ta' Chantal Schiberras u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur li ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37);

U aktar talli fl-istess data, ghal habta tal-11:00 ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema:

2. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara f' tieqa ta' l-imsemmija ghassa ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija, liema hsara komplessiva ma tiskorrix mija u sitta –il euro u sebgha u serbghin centezmu (116.47);

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi.

Rat il-Ligi, partikolarment l-Art 279 u 28 (A) tal-Kap 9.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat.

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Tifhem illi r-rifurtiva kollha giet ritornata lill-persuni illi nsterqu izda xorta wahda l-Qorti ghandha taghti messagg lill-akkuzat sabiex tali incident ma jergax jsehh.

Il-Qorti ghalhekk issibu hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba, tikkundannha piena karcerarja ta' tlett (3) xhur sospizi ghal perjodu ta' erba snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------